

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/118****tal-5 ta' Settembru 2016****li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu adottati l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd li jkunu meħtieġa biex tinżamm konformità mal-obbligi tas-sajd skont il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, fost dawn, l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE <sup>(2)</sup> u l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.
- (2) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għaż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni li jikkorrispondu mar-rekwiżiti ekoloġiċi tat-tipi ta' habitats naturali u l-ispeċijiet preżenti fis-siti. Jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri jieħdu l-passi xierqa biex, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, jevitaw id-deterjorament tal-habitats naturali u tal-habitats tal-ispeċijiet kif ukoll jevitaw id-disturbi sinifikanti tal-ispeċijiet li għalihom ġew iddeżinjati ż-żoni.
- (3) Skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, l-Istati Membri għandhom jadottaw programmi ta' miżuri, li jinkludu miżuri ta' protezzjoni spazjali li jikkontribwixxu għal netwerks koerenti u rappreżentattivi ta' żoni marini protetti, u jkopru b'mod adegwat id-diversità tal-ekosistemi kostitwenti, bħal żoni speċjali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva dwar il-Habitats, ta' żoni ta' protezzjoni speċjali skont id-Direttiva dwar l-Għasafar <sup>(4)</sup>, u ta' żoni marittimi protetti kif miġfiehma mill-Komunità jew mill-Istati Membri kkonċernati fil-qafas ta' ftehimiet internazzjonali jew reġjonali li għalihom ikunu partijiet.
- (4) Id-Danimarka kienet tal-fehma li, għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, kien hemm bżonn li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni f'ċerti żoni taħt is-sovranità tagħha f'Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana. Jekk il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd meħtieġa jaffettwaw is-sajd ta' Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw dawn il-miżuri frakkmandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni.
- (5) Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd li se jiġi affettwat mit-tali miżuri. B'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-Danimarka pprovdiet lill-Ġermanja bl-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħtieġa, u bir-raġunijiet għalihom, bl-evidenza xjentifika li ssostnihom u bid-dettalji dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom fil-prattika.
- (6) Fit-13 ta' Marzu 2015, wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar tat-Tramuntana, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja lill-Kummissjoni ppreżentawha żewġ rakkmandazzjonijiet konġunti għall-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd biex jiproteġu strutturi ta' skolji fi tliet siti tan-Natura 2000 tad-Danimarka f'Kattegat, fil-Baħar tat-Tramuntana u seba' siti fil-Baltiku. Jinvolvu l-projbizzjoni ta' attivitajiet tas-sajd bl-irkaptu ta' kuntatt mal-qiegħ mobbli fiż-żoni tal-iskoll (tip ta' habitat 1170) u l-projbizzjoni ta' kull attività tas-sajd fiż-żoni tal-iskoll tal-bżieža (tat-tip ta' habitat 1180).

<sup>(1)</sup> ĠUL 354, 28.12.2013, p. 22.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠUL 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>(3)</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠUL 164, 25.6.2008, p. 19).

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠUL 20, 26.1.2010, p. 7).

- (7) Fil-parir xjentifiku tiegħu tas-17 ta' April 2015, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd <sup>(1)</sup> iddikjara li l-għanijiet ta' konservazzjoni fiż-Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni msemminjin fir-rakkomandazzjonijiet konġunti ma jistgħux jintlaħqu bis-sħiħ mingħajr miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' attivitá tas-sajd f'dawn iż-żoni.
- (8) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd identifika ċertu tħassib dwar il-kontroll u l-infurzar tal-miżuri ta' konservazzjoni u wera l-fehma li jista' jkun xieraq li jittieħdu miżuri ta' kontroll addizzjonali. Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 <sup>(2)</sup>. L-Istati Membri jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa, jallokaw ir-riżorsi adegwati u jstabilixxu l-istrutturi meħtieġa għall-iżgurar tal-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tal-attivitajiet li jitwettqu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS). Dawn jistgħu jinkludu miżuri bħar-rekwiżit li l-pożizzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) jingħataw b'aktar frekwenza minn kull bastiment ikkonċernat, jew iż-żoni b'riskju għoli jiġu identifikati fis-sistema ta' kontroll nazzjonali fuq il-bażi ta' mmaniġġjar tar-riskji, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.
- (9) Fil-25 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1778 <sup>(3)</sup> biex jiġu stabbiliti l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni taż-żoni tal-iskoll rilevanti fil-Baħar Baltiku u fil-Kattegat.
- (10) Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1778 ippreveda l-projbizzjoni tas-sajd bi rkaptu ta' kuntatt mal-qiegħ mobbli fiż-żoni tal-iskoll rilevanti fil-Baħar Baltiku u fil-Kattegat, peress li dan it-tip ta' sajd għandu impatt negattiv fuq il-habitats tal-iskoll u jaffettwa kemm l-istrutturi tal-iskoll kif ukoll il-bijodiversità li tinsab fl-iskolji.
- (11) Barra minn hekk, dak ir-Regolament ipprojbixxa kull attivitá tas-sajd fiż-żoni rilevanti tal-iskolji tal-bżieżaq fil-Kattegat peress li l-iskolji tal-bżieżaq huma strutturi partikolarment fraġli u kull impatt fiżiku huwa theddida għall-istatus ta' konservazzjoni tagħhom.
- (12) Kien jixraq li tiġi żgurata l-valutazzjoni tal-miżuri stabbiliti minn dak ir-Regolament, b'mod partikolari rigward il-kontroll tal-konformità mal-projbizzjonijiet fuq is-sajd.
- (13) Illum l-Iżvezja hija tal-fehma li, għall-fini ta' konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE u mal-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, hemm bżonn li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni f'ċerti żoni taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tagħha fi Skagerrak, fil-Baħar tat-Tramuntana.
- (14) Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd li se jiġi affettwat mit-tali miżuri. B'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Iżvezja pprovdiet l-informazzjoni rilevanti dwar il-miżuri meħtieġa, inklużi r-raġunijiet għalihom, l-evidenza xjentifika li ssostnihom u d-dettalji dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom fil-prattika lid-Danimarka u lill-Ġermanja.
- (15) Fl-10 ta' Ġunju 2016, wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv dwar il-Baħar tat-Tramuntana, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja lill-Kummissjoni ppreżentawha rakkomandazzjoni konġunta oħra għall-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd sabiex jiproteġu l-istrutturi tal-iskoll, il-ħofriet f'qiegħ il-baħar u l-komunitajiet tal-pjumi tal-baħar u tal-megafawna li jħaffru fiż-żona ta' Bratten li tinsab fi Skagerrak. Il-miżuri jipprojbixxu l-attivitajiet tas-sajd f'għadd ta' żoni.
- (16) Fi Bratten, jeħtieġ li tiġi pprojbita kull attivitá tas-sajd fiż-żoni tal-iskoll rilevanti, minħabba li l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd u tas-sajd pelaġiku minimu huma aktar diffiċli.
- (17) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kontroll tal-attivitajiet tas-sajd fiż-żona marittima protetta ta' Bratten, il-bastimenti kollha tas-sajd għandhom ikunu mġhammin b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) u għandhom iżommuha operattiva meta jkunu fi Bratten, sabiex b'hekk tinħoloq żona ta' twissija madwar iż-żoni magħluqin.

<sup>(1)</sup> [http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/991908/STECF-PLN-15-01\\_JRCxxx.pdf](http://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/991908/STECF-PLN-15-01_JRCxxx.pdf)

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1)

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1778 tal-25 ta' Ġunju 2015 li jstabilixxi miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd għall-protezzjoni ta' żoni bi strutturi ta' skollijiet filmijiet taħt is-sovranità tad-Danimarka fil-Baħar Baltiku u l-Kattegat (ĠUL 259, 6.10.2015, p. 5).

- (18) Fil-pariri xjentifiċi tiegħu tat-8 ta' Lulju 2016, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd <sup>(1)</sup> jiddikjara li l-għanijiet ta' konservazzjoni proposti fiż-żona protetta tal-baħar ta' Bratten, fejn hemm l-iskolji, il-ħofriet f'qiegħ il-baħar u l-ispeċijiet mheddin, ma jistgħux jinkisbu bis-sħiħ mingħajr ma jittieħdu miżuri xierqa biex titwaqqaf kull attività tas-sajd fiż-żoni.
- (19) Madankollu, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd josserva li l-limiti proposti taż-żoni protetti jinsabu ferm qrib l-iskolji u ma jkopruż żona ta' lqugħ iddefinita skont il-Linji Gwida tal-ICES. Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-sajd huwa tal-fehma li ż-żoni ta' lqugħ huma siewja għal skopijiet ta' konservazzjoni u kontrollabbiltà, filwaqt li l-kuriturii ddefiniti fil-proposti jidhru li huma żgħar ħafna. Barra minn hekk, hemm biss ftit habitats sensitivi fiż-żona 14, li l-għeluq tagħha, approvat mill-partijiet ikkonċernati kollha, huwa ġġustifikat primarjament minn approċċ prekawżjonali sabiex tiġi evitata żieda fil-pressjoni tas-sajd fuq il-qigħan tal-baħar fond fil-ġejjieni.
- (20) Wara r-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida ppreżentata fl-10 ta' Ġunju 2016, jixraq li jiġi revokat ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1778 u li l-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti jitqassmu skont il-baċir tal-baħar f'żewġ strumenti legali differenti.
- (21) Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-Baħar tat-Tramuntana u jinvolvi l-miżuri ta' konservazzjoni li bħalissa huma applikabbli fil-Kattegat u dawk issuġġeriti għaż-żona ta' Bratten fir-rakkomandazzjoni konġunta tal-10 ta' Ġunju 2016.
- (22) Il-miżuri ta' konservazzjoni li bħalissa huma applikabbli fil-Baħar Baltiku għandhom jiġu inklużi f'Regolament separat ġdid.
- (23) Il-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd stabbiliti minn dan ir-Regolament huma mingħajr ħsara għal kull miżura eżistenti jew futura oħra ta' ġestjoni bil-mira li jiġu kkonserwati s-siti kkonċernati, inklużi l-miżuri ta' konservazzjoni tas-sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE.
2. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd fil-Baħar tat-Tramuntana.

#### Artikolu 2

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin <sup>(2)</sup>:

- (a) "irkaptu tal-kuntatt mal-qieġh" tfisser kwalunkwe wieħed mill-irkapti li ġejjin: xibka tat-tkarkir tal-qieġh, xibka tat-tkarkir bi travu, għażel tat-tkarkir tal-qieġh, għażel tat-tkarkir tewmi, xibka tat-tkarkir għall-awwisti, xibka tat-tkarkir għall-gambli, tartarun, tartarun Daniż, tartarun Skoċċiż, tartarun ta' barra jew bastiment bit-tartarun u bil-gangmu;
- (b) "Żoni 1" tfisser iż-żoni ġeografiki magħluqin bil-ġonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84;

<sup>(1)</sup> [https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1471816/2016-07\\_STECF+PLEN+16-02\\_JRCxxx.pdf](https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1471816/2016-07_STECF+PLEN+16-02_JRCxxx.pdf)

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurur tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

- (c) "Żoni 2" tfisser iż-żoni ġeografiċi magħluqin b'għonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlju skont is-sistema ta' koordinati WGS84.
- (d) "Bratten" tfisser iż-żona ġeografika magħluqa b'għonġiment sekwenzjali tal-linji rombu fil-pożizzjonijiet elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, li għandhom jitkejlju skont is-sistema ta' koordinati WGS84.
- (e) "L-Istati Membri kkonċernati" tfisser id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja.

### Artikolu 3

#### Projbizzjoni tas-sajd

1. Għandu jkun ipprojbit li titwettaq ebda attività tas-sajd b'irkaptu ta' kuntatt mal-qiegħ fiż-Żoni 1. Il-bastimenti tas-sajd li abbord ikollhom xi rkaptu ta' kuntatt mal-qiegħ jistgħu jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żoni 1 bi kwalunkwe rkaptu apparti dak l-irkaptu dment li l-irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ ikun marbut u stivat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. Għandu jkun ipprojbit li titwettaq ebda attività tas-sajd fiż-Żoni 2.

### Artikolu 4

#### Tranżitu

1. Il-bastimenti tas-sajd li abbord ikollhom xi rkaptu ta' kuntatt mal-qiegħ jistgħu jagħmlu tranżitu fiż-Żoni 1 dment li l-irkaptu tal-kuntatt mal-qiegħ ikun marbut u stivat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. Il-bastimenti tas-sajd jistgħu jagħmlu tranżitu fiż-Żoni 2 dment li kull irkaptu abbord ikun marbut u stivat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

### Artikolu 5

#### Sistema Awtomatika ta' Identifikazzjoni

Il-bastimenti kollha tas-sajd preżenti fi Bratten għandhom ikunu mgħammrin b'sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tilħaq l-istandards tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u din is-sistema għandha tinżamm operattiva.

### Artikolu 6

#### Evalwazzjoni

1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jevalwaw l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 3 u 4 sat-30 ta' Ġunju 2017, inkluż il-kontroll tal-konformità mal-projbizzjonijiet fuq is-sajd applikabbli:
  - (a) fiż-Żoni 1 u
  - (b) fiż-Żoni 2 li ġejjin:
    - (i) iż-żona tal-iskolji tal-bżieġaq ta' Herthas Flak u
    - (ii) iż-żona tal-iskolji tal-bżieġaq ta' Læsø Trindel u Tønneberg Banke
2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw rapport sommarju tal-evalwazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2017.

*Artikolu 7***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX I

## Koordinati taż-Żona 1

## 1. Herthas Flak

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	57°39.422'	10°49.118'
2S	57°39.508'	10°49.602'
3S	57°39.476'	10°49.672'
4S	57°39.680'	10°50.132'
5S	57°39.312'	10°50.813'
6S	57°39.301'	10°51.290'
7S	57°38.793'	10°52.365'
8S	57°38.334'	10°53.201'
9S	57°38.150'	10°52.931'
10S	57°38.253'	10°52.640'
11S	57°37.897'	10°51.936'
12S	57°38.284'	10°51.115'
13S	57°38.253'	10°50.952'
14S	57°38.631'	10°50.129'
15S	57°39.142'	10°49.201'
16S	57°39.301'	10°49.052'
17S	57°39.422'	10°49.118'

## 2. Læsø Trindel u Tønneberg Banke

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	57°25.045'	11°06.757'
2S	57°26.362'	11°06.858'
3S	57°27.224'	11°09.239'
4S	57°26.934'	11°10.026'
5S	57°27.611'	11°10.938'
6S	57°28.053'	11°11.000'
7S	57°28.184'	11°11.547'
8S	57°28.064'	11°11.808'
9S	57°28.843'	11°13.844'

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
10S	57°29.158'	11°15.252'
11S	57°29.164'	11°16.861'
12S	57°29.017'	11°17.266'
13S	57°29.080'	11°17.597'
14S	57°28.729'	11°18.494'
15S	57°28.486'	11°18.037'
16S	57°28.258'	11°18.269'
17S	57°27.950'	11°18.239'
18S	57°27.686'	11°18.665'
19S	57°27.577'	11°18.691'
20S	57°27.525'	11°18.808'
21S	57°27.452'	11°18.837'
22S	57°27.359'	11°18.818'
23S	57°26.793'	11°17.929'
24S	57°27.984'	11°15.500'
25S	57°27.676'	11°14.758'
26S	57°25.998'	11°17.309'
27S	57°25.946'	11°17.488'
28S	57°26.028'	11°17.555'
29S	57°26.060'	11°17.819'
30S	57°26.011'	11°18.360'
31S	57°25.874'	11°18.666'
32S	57°25.683'	11°18.646'
33S	57°25.417'	11°18.524'
34S	57°25.377'	11°18.408'
35S	57°25.330'	11°18.039'
36S	57°25.175'	11°17.481'
37S	57°24.928'	11°17.579'
38S	57°24.828'	11°17.366'
39S	57°24.891'	11°17.049'
40S	57°25.128'	11°17.118'

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
41S	57°25.249'	11°16.721'
42S	57°25.211'	11°16.592'
43S	57°25.265'	11°16.162'
44S	57°25.170'	11°15.843'
45S	57°25.245'	11°15.562'
46S	57°25.208'	11°15.435'
47S	57°25.278'	11°15.083'
48S	57°25.462'	11°15.059'
49S	57°25.517'	11°15.007'
50S	57°25.441'	11°14.613'
51S	57°25.610'	11°14.340'
52S	57°25.630'	11°14.119'
53S	57°25.629'	11°13.827'
54S	57°25.738'	11°13.658'
55S	57°25.610'	11°13.392'
56S	57°25.625'	11°13.176'
57S	57°25.933'	11°12.379'
58S	57°25.846'	11°11.959'
59S	57°25.482'	11°12.956'
60S	57°25.389'	11°13.083'
61S	57°25.221'	11°13.212'
62S	57°25.134'	11°13.221'
63S	57°25.031'	11°13.077'
64S	57°25.075'	11°12.751'
65S	57°24.817'	11°12.907'
66S	57°24.747'	11°12.862'
67S	57°24.616'	11°13.229'
68S	57°24.549'	11°13.240'
69S	57°24.347'	11°13.093'
70S	57°24.256'	11°13.288'



Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
71S	57°24.145'	11°13.306'
72S	57°24.051'	11°13.138'
73S	57°23.818'	11°13.360'
74S	57°23.649'	11°13.280'
75S	57°23.553'	11°13.260'
76S	57°23.432'	11°13.088'
77S	57°23.416'	11°12.861'
78S	57°23.984'	11°09.081'
79S	57°25.045'	11°06.757'

### 3. Lysegrund

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1S	56°19.367'	11°46.017'
2S	56°18.794'	11°48.153'
3S	56°17.625'	11°48.541'
4S	56°17.424'	11°48.117'
5S	56°17.864'	11°47.554'
6S	56°17.828'	11°47.265'
7S	56°17.552'	11°47.523'
8S	56°17.316'	11°47.305'
9S	56°17.134'	11°47.260'
10S	56°16.787'	11°46.753'
11S	56°16.462'	11°46.085'
12S	56°16.455'	11°43.620'
13S	56°17.354'	11°42.671'
14S	56°18.492'	11°42.689'
15S	56°18.950'	11°41.823'
16S	56°19.263'	11°41.870'
17S	56°19.802'	11°40.939'
18S	56°19.989'	11°41.516'
19S	56°18.967'	11°43.600'
20S	56°19.460'	11°44.951'
21S	56°19.367'	11°46.017'

## ANNEX II

## Koordinati taż-Żoni 2

## 1. iż-żona tal-qrolli tal-bżieġaq ta' Herthas Flak

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1B	57°38.334'	10°53.201'
2B	57°38.15'	10°52.931'
3B	57°38.253'	10°52.64'
4B	57°38.237'	10°52.15'
5B	57°38.32'	10°51.974'
6B	57°38.632'	10°51.82'
7B	57°38.839'	10°52.261'
8B	57°38.794'	10°52.36'
9B	57°38.334'	10°53.201'

## 2. iż-żona tal-qrolli tal-bżieġaq ta' Læsø Trindel u Tønneberg Banke

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
1B	57°27.496'	11°15.033'
2B	57°25.988'	11°17.323'
3B	57°25.946'	11°17.488'
4B	57°25.417'	11°18.524'
5B	57°25.377'	11°18.408'
6B	57°25.346'	11°18.172'
7B	57°25.330'	11°18.039'
8B	57°25.175'	11°17.481'
9B	57°24.928'	11°17.579'
10B	57°24.828'	11°17.366'
11B	57°24.891'	11°17.049'
12B	57°25.128'	11°17.118'
13B	57°25.249'	11°16.721'
14B	57°25.211'	11°16.592'
15B	57°25.263'	11°16.177'

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E
16B	57°25.170'	11°15.843'
17B	57°25.240'	11°15.549'
18B	57°26.861'	11°15.517'
19B	57°26.883'	11°14.998'
20B	57°27.496'	11°15.033'

### 3. BRATTEN 1

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
1.1	58.54797	10.61234	58°32.87790'	10°36.74060'
1.2	58.54242	10.59708	58°32.54500'	10°35.82450'
1.3	58.57086	10.57829	58°34.25170'	10°34.69750'
1.4	58.57113	10.58584	58°34.26810'	10°35.15060'

### 4. BRATTEN 2

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
2.1	58.58333	10.70000	58°35.00000'	10°42.00000'
2.2	58.56370	10.70000	58°33.82200'	10°42.00000'
2.3	58.56834	10.68500	58°34.10000'	10°41.10000'
2.4	58.58333	10.67333	58°35.00000'	10°40.40000'

### 5. BRATTEN 3

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
3.1	58.55448	10.66622	58°33.26910'	10°39.97320'
3.2	58.53817	10.65876	58°32.29020'	10°39.52570'
3.3	58.56064	10.62589	58°33.63840'	10°37.55310'
3.4	58.58333	10.60196	58°35.00000'	10°36.11730'
3.5	58.58333	10.64007	58°35.00000'	10°38.40390'

### 6. BRATTEN 4

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
4.1	58.41829	10.56322	58°25.09750'	10°33.79350'
4.2	58.44104	10.54711	58°26.46240'	10°32.82670'
4.3	58.46111	10.53893	58°27.66680'	10°32.33610'

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
4.4	58.49248	10.55864	58°29.54890'	10°33.51860'
4.5	58.47846	10.58575	58°28.70790'	10°35.14500'
4.6	58.45570	10.60806	58°27.34200'	10°36.48350'
4.7	58.42942	10.58963	58°25.76550'	10°35.37770'

**7. BRATTEN 5**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
5.1	58.46216	10.62166	58°27.72940'	10°37.29940'
5.2	58.48256	10.59473	58°28.95350'	10°35.68400'
5.3	58.50248	10.58245	58°30.14850'	10°34.94690'
5.4	58.50213	10.61104	58°30.12770'	10°36.66250'
5.5	58.47972	10.63392	58°28.78320'	10°38.03540'

**8. BRATTEN 6**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
6.1	58.45450	10.49373	58°27.26970'	10°29.62370'
6.2	58.46727	10.47881	58°28.03640'	10°28.72850'
6.3	58.48976	10.46582	58°29.38550'	10°27.94900'
6.4	58.49126	10.47395	58°29.47550'	10°28.43730'
6.5	58.47369	10.50004	58°28.42150'	10°30.00260'
6.6	58.45435	10.49995	58°27.26080'	10°29.99710'

**9. BRATTEN 7A**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
7 A.1	58.42132	10.53168	58°25.27900'	10°31.90080'
7 A.2	58.41075	10.51853	58°24.64520'	10°31.11190'
7 A.3	58.41982	10.50999	58°25.18910'	10°30.59960'
7 A.4	58.44487	10.51291	58°26.69240'	10°30.77450'
7 A.5	58.45257	10.52057	58°27.15410'	10°31.23410'
7 A.6	58.44918	10.52936	58°26.95050'	10°31.76140'
7 A.7	58.42423	10.52271	58°25.45370'	10°31.36260'

**10. BRATTEN 7B**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
7B.1	58.38556	10.51815	58°23.13340'	10°31.08930'
7B.2	58.39907	10.50486	58°23.94410'	10°30.29150'
7B.3	58.41075	10.51853	58°24.64520'	10°31.11190'
7B.4	58.42132	10.53168	58°25.27900'	10°31.90080'
7B.5	58.41613	10.54764	58°24.96810'	10°32.85830'
7B.6	58.38776	10.53394	58°23.26560'	10°32.03650'

**11. BRATTEN 7C**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
7C.1	58.32839	10.44780	58°19.70320'	10°26.86790'
7C.2	58.33196	10.43976	58°19.91750'	10°26.38560'
7C.3	58.34390	10.44579	58°20.63390'	10°26.74760'
7C.4	58.36412	10.46309	58°21.84690'	10°27.78530'
7C.5	58.39907	10.50486	58°23.94410'	10°30.29150'
7C.6	58.38556	10.51815	58°23.13340'	10°31.08930'
7C.7	58.38172	10.50243	58°22.90310'	10°30.14580'
7C.8	58.34934	10.46503	58°20.96020'	10°27.90180'
7C.9	58.33436	10.45233	58°20.06130'	10°27.13950'

**12. BRATTEN 7D**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
7D.1	58.32839	10.44780	58°19.70320'	10°26.86790'
7D.2	58.30802	10.43235	58°18.48120'	10°25.94100'
7D.3	58.31273	10.42636	58°18.76400'	10°25.58170'
7D.4	58.32300	10.43560	58°19.38030'	10°26.13580'
7D.5	58.33196	10.43976	58°19.91750'	10°26.38560'

**13. BRATTEN 7E**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
7E.1	58.30802	10.43235	58°18.48120'	10°25.94100'
7E.2	58.30260	10.42276	58°18.15610'	10°25.36540'
7E.3	58.30642	10.41908	58°18.38510'	10°25.14470'
7E.4	58.31273	10.42636	58°18.76400'	10°25.58170'

**14. BRATTEN 8**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
8.1	58.35013	10.56697	58°21.00780'	10°34.01820'
8.2	58.35000	10.54678	58°21.00000'	10°32.80660'
8.3	58.36596	10.54941	58°21.95780'	10°32.96480'
8.4	58.36329	10.56736	58°21.79740'	10°34.04160'

**15. BRATTEN 9A**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
9 A.1	58.28254	10.48633	58°16.95260'	10°29.17970'
9 A.2	58.28185	10.46037	58°16.91100'	10°27.62230'
9 A.3	58.32814	10.47828	58°19.68840'	10°28.69670'
9 A.4	58.32314	10.49764	58°19.38860'	10°29.85840'

**16. BRATTEN 9B**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
9B.1	58.28254	10.49986	58°16.95260'	10°29.99170'
9B.2	58.30184	10.50257	58°18.11030'	10°30.15410'
9B.3	58.30128	10.51117	58°18.07690'	10°30.67040'
9B.4	58.28560	10.51374	58°17.13590'	10°30.82450'

**17. BRATTEN 10**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
10.1	58.40548	10.47122	58°24.32870'	10°28.27330'
10.2	58.39710	10.45111	58°23.82620'	10°27.06670'
10.3	58.41923	10.45140	58°25.15390'	10°27.08390'
10.4	58.43279	10.45575	58°25.96770'	10°27.34510'
10.5	58.41816	10.46972	58°25.08960'	10°28.18310'

**18. BRATTEN 11**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
11.1	58.44546	10.48585	58°26.72760'	10°29.15080'
11.2	58.43201	10.48224	58°25.92060'	10°28.93410'
11.3	58.44293	10.46981	58°26.57590'	10°28.18890'
11.4	58.46009	10.46709	58°27.60540'	10°28.02550'

**19. BRATTEN 12**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
12.1	58.31923	10.39146	58°19.15400'	10°23.48740'
12.2	58.33421	10.41007	58°20.05280'	10°24.60400'
12.3	58.32229	10.41228	58°19.33750'	10°24.73680'
12.4	58.30894	10.39258	58°18.53660'	10°23.55460'

**20. BRATTEN 13**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
13.1	58.53667	10.41500	58°32.20000'	10°24.90020'
13.2	58.55302	10.40684	58°33.18120'	10°24.41050'
13.3	58.55827	10.41840	58°33.49610'	10°25.10420'
13.4	58.54551	10.42903	58°32.73030'	10°25.74190'

**21. BRATTEN 14**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
14.1	58.26667	10.02858	58°16.00000'	10°1.71510'
14.2	58.51269	10.14490	58°30.76120'	10°8.69400'
14.3	58.53608	10.18669	58°32.16510'	10°11.20140'
14.4	58.46886	10.23659	58°28.13140'	10°14.19520'
14.5	58.31137	10.26041	58°18.68210'	10°15.62490'
14.6	58.26667	10.16996	58°16.00000'	10°10.19740'

## ANNEX III

**Il-koordinati taż-żona marittima protetta ta' Bratten**

Punt	Latitudni N	Lonġitudni E	Latitudni N	Lonġitudni E
1 NV	58.58333	10.27120	58°35.00000'	10°16.27200'
2 NO	58.58333	10.70000	58°35.00000'	10°42.00000'
3 SO	58.26667	10.70000	58°16.00000'	10°42.00000'
4 SV	58.26667	10.02860	58°16.00000'	10°1.71600'
5 V	58.5127	10.14490	58°30.76200'	10°8.69400'